MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2003

Avviz Numru. 236/2002/1

Avviz Nru:  236/2002 DM

Mark Micallef ezercenti l-kummerc taht l-isem Proinvest

vs

Globe Financial Investments Limited

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il- kundanna tal-kumpanija konvenuta sabiex ihallsu l-ammont ta' erba' telef erba mija u hamsa u tmenin liri Maltin u seba u disghin centezmi ( Lm4485.97) rappresentanti bilanc dovut wara xoghol maghmul mill-attur fuq talba tas-societa konvenuta.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datat 19 ta' Dicembru 2001.

Bl-imghax legali kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Globe Financial Investments Limited fejn eccepiet illi :

1 Mhix il-legittimu kontradittur tal-attur;
2 Salv eccezzjonijiet ohrajn.

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti;
Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:

Bl-eccezzjonijiet taghha l-kumpanija konvenuta qedgha tallega li hija m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika mall-attur ghal dak li jirrigwarda x-xoghlijiet li taghhom qieghed jitlob il-kumpens f'dawn il-proceduri.

Ghalhekk jispetta lill-attur illi jipprova illi kien inghata l-inkarigu ghax-xoghlijiet minnhu elenkati fid-deposizzjoni tieghu tal- 21 ta' Novembru 2002 mill-kumpanija konvenuta Globe Financial Investments Limited u li esegwixxa dawn l-istess xoghlijiet fl-interess ta' din il-kumpanija.

Ghalkemm jidher illi l-organisazzjoni Globe Financial Investments Limited ghandha diversi kumpaniji li jifformaw parti minnha, minn imkien ma jirrizulta illi dawn l-istess diversi kumpaniji ghandhom jitqiesu bhala kumpanija wahda u mhux bhala kumpaniji kollha separati u distinti minn xulxin li ghandhom personalita guridika ndipendenti minn dik ta' l-ohrajn.

In adempiment ta' dan l-obbligu tieghu l-attur esibixxa kuntratt li jsosstni li a bazi tieghu huwa kien gie nkarigat mill-konvenuti sabiex jaghmel ix-xoghlijiet illi gew specifikati fid-deposizzjoni tieghu li jikkonsistu f'dan li gej:

Xoghlijiet fi branch tal-kumpanija konvenuta f'Hal Qormi;
Xoghlijiet fi branch tal-kumpanija konvenuta f'Bay Street, San Giljan;
Xoghlijiet fil-livel 14 (erbghatax) f'ta' Portomaso Tower; u
Xoghlijiet fil-fond 120, The Strand, il-Gzira.

Izda minn ezami akkurat tal-kuntratt esibit mill-attur a fol 11 tal-process, immarkat dokument MM1 jidher illi f'dan il-kuntratt l-uniku inkarigu illi nghata mill-kumpanija konvenuta Globe Financial Investments Limited kien illi huwa jghamilha ta' project manager dwar xoghlijiet ta' kostruzzjoni esklussivament fil-fondi 117 sa 119, The Strand, il-Gzira, liema fondi mhumiex dawk illi fihom l-attur esegwixxa xi xoghlijiet li taghhom qieghed jippretendi l-kumpens f'din il-kawza.

Ghalhekk jispetta lill-attur illi jipprova li ghax-xoghlijiet minnhu elenkati inghata xi istruzzjonijiet ulterjuri mill-kumpanija konvenuta u mhux minn kwalunkwe kumpanija ohra.

F'dan ir-rigward l-attur ipprezenta tlett (3) ittri respettivament datati 14 ta' Settembru 2000, 9 t'Ottubru 2000 u 20 ta' Settembru 2000 a folji 39 sal- 41 tal-process fejn jirrizulta illi kien inghata l-inkarigu biex jesegwixxi xoghlijiet fil-fondi 120, The Strand, il-Gzira, u fil-branch ta' Hal Qormi specifikament minn Globe Financial Management p.l.c. u mhux mill-kumpanija konvenuta.

Inoltre jirrizulta illi sa mis-26 t'Ottubru tas-sena 2001 il-kumpanija konvenuta kienet digia ntimat lill-attur illi ghal dak li jirrigwarda x-xoghlijiet fil-fond 120, The Strand, il-Gzira, hija ma kelliex x'taqsam maghhom u ma kienux hi li taghtu l-istruzzjonijiet biex jaghmel dawn ix-xoghlijiet izda kienet kumpanija ohra.

Min-naha l-ohra, Dr Richard Galea Debono, prodott mill-konvenuti kkonferma b'mod l-aktar car illi l-inkarigu ghax-xoghlijiet li taghhom qieghed jippretendi kumpens l-attur, gew moghtijin minn diversi kumpaniji minnhu msemmija u mhux mill-kumpanija konvenuta.

Ghaldaqstant l-attur ma wasalx ghal prova minnhu rikjesta illi x-xoghlijiet minnhu elenkati fid-deposizzjoni tieghu kienu gew maghmulin fl-interess ta', u fuq l-istruzzjonijiet ta' l-kumpanija konvenuta, anzi mill-provi prodotti jirrizulta illi effettivament rigward dawn ix-xoghlijiet il-kumpanija konvenuta ma kellha ebda sehem u l-uniku interess li setgha kellha f'dawn ix-xoghlijiet johrog biss mill-fatt illi l-kumpaniji li setghu nkarigaw lill-attur setghu kienu kumpaniji illi ghandhom xi sehem fil-kumpanija konvenuta u illi b'daqshekk dan  ma jbiddilx il-fatt illi kull kumpanija li setghet taght xi nkarigu lill-attur u li kienet sussidjarja tal-kumpanija konvenuta, ghandha personalita' guridika separata, distinta  minn dik tal-kumpanija principali Globe Financial  Investments Limited.

Ghaldaqstant tichad it-talba attrici;

Bl-ispejjez kontra l-attur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------